MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 389/2012

**Appell Nru: 389/2012**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**
**Vs**
**Biagio Muscat**

Illum, 14 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Biagio Muscat detentur tal-karta ta’ l-identita 381055M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :

F’dawn il-gzejjer, f’xi perjodu bejn is-16 u s-17 ta` Awwissu 2005, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskruttura jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispozizzjonijietjew oblligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkelli billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti

jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikat tal-VRT falz;
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, minhabba l-kariga jew l-impjieg tieghu, kien fid-dmir li jaghmel jew jghati dikjarazzjoni jew certifikat, u ghamel jew ta dikjarazzjoni falz jew certifikat falz, u cioe certifikat tal-VRT falz;
U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, u cioe certifikat tal-VRT falz;
Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, u cioe certifikat tal-VRT falz.
Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2012 fejn wara dik il-Qorti lliberat lill-appellat mill-akkuzi kollha kontra tieghu.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali fil-konfront ta' Biagio Muscat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Awwissu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tghaddi biex tiddikjara lill-appellat Biago Muscat hati tal-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u timponi fuq l-istess appellat l-piena skond il-ligi.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravju tal-appellant li in succint huwa is-segwenti :
Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza odjerna u hassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti illbierat lill-appellant u dana billi nonostante l-provi prodotti mill-prosekuzjoni fil-kaz odjern.
Illi l-esponent huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti mill-prosekuzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti hemm

bizzejjed provi ai fini ta' sejbien ta' htija fl-appellat fir-rigward tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat.

Dan l-appell huwa limitat ghall-eccezzjoni preliminari mqajma mill-appellat dwar in-nullita tar-rikorsipprezentat mill-Avukat Generali. Dana 'l ghaliex fil-fehma tieghu dan ir-rikors gie pprezentat "fuori termine". B'verbal tat-18 ta' Ottubru, 2012 l-appellat ecepixxa n-nullita ta' l-appell ta' l-Avukat Genereali peress illi gie pprezentat "fuori termine" b'gurnata. Jirrileva li t-terminu ghall-Avukat Generali jibda ghaddej minn dak inhar ili jkun ircieva l-Atti u mhux l-ghada, f'liema kaz allura r-rikors ta' l-appell huwa tardiv. B'verbal iehor tat-18 ta' Gunju, 2013 l-Avukat Generali wiegeb ghal din l-eccezzjoni u rrileva illi t-terminu statutorju jibda ghaddej mill-ghada li l-persuna koncernata, f'dan il-kaz l-Avukat Generali, ikun ircikeva l-Atti u mhux minn dik il-gurnata stess. Ghalhekk ir-rikors kien ipprezentat fit-terminu u l-eccezzjoni kellha tigi michuda.

Ikkunsidrat.

It-termini ghall-Avukat Generali huma regolati bl-Artiklu 414 u l-Artiklu 417 tal-Kap 9. L-Artiklu 414 (1) jaghti terminu ta' erbat ijiem tax-xoghol ghan-nota illi l-Avukat Generali bi hsiebu jappella mis-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati u jimponi terminu ta' tliet ijiem sabiex l-Atti jintbaghtu lill-Avukat Generali. L-Artiklu 417 (1) tal-Kap 9 jghid illi l-Avukat Generali ghandu jipprezenta r-rikors ta' l-appell tieghu fi zmien tmient ijiem tax-xoghol <u>minn dak inhar li rcieva l-Atti tal-kawza</u> (sotto linjar ta' din il-Qorti). Filwaqt illi t-terminu ta' tliet ijiem tal-Magistrat ma jaffettwax id-dritt ta' l-Avukat Generali illi jipprezenta r-rikors anke jekk il-Qorti tal-Magistrati tkun hadet aktar minn tliet ijiem biex tibghat l-Atti lil AG (ara Il-Pulizija kontra Charles Micallef, appell kriminali 10 ta' Dicembru, 1990), in-nota tal-pulizja illi bihsiebhom jappellaw mis-Sentenza ghandha tigi pprezentata fit-terminu ta' erbat

ijiem tax-xoghol liema terminu huwa wiehed fatali u jaffettwa d-dritt ta’ l-Avukat Generali illi jappella jekk in-nota tidhol tardiva ( Il-Pulizija vs James Barbara, 17 ta’ Jannar, 2013). Pero’ darba l-Avukat Generali jircievi l-Atti mill-Qorti tal-Magistrati dana ghandu terminu fatali ta’ tmient ijiem tax-xoghol minn dak inhar illi rcieva l-Atti tal-kawza u mhux mill-ghada li jkun ircevihom.

Il-Ligi hija cara f’dan ir-rigward u tispecifika ezatt meta ghandu jibda t-terminu u cioe’ minn dak inhar illi jkun ircieva l-Atti. Skont ir-rikors stess ta’ l-appell, l-Avukat Generali jghid illi rcieva l-Atti relevanti fit-23 ta’ Lulju, 2012 li tigi l-gurnata tat-Tnejn. It-tmient ijiem lavorativi quindi kienu jaghlqu l-Erbgha l-ewwel ta’ Awwissu izda r-rikors gie prezentat l-ghada 2 ta’ Awwissu (fol 100), fejn allura skont id-dispost ta’ l-Artiklu 417 (1) tal-Kap 9 ipoggi l-appell ta’ l-Avukat Generali “fuori termini”.

Ghal dawn il-mottivi quindi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-eccezzjoni preliminari mqajma mill-appellat, tiddikjara l-appell ta’ l-Avukat Generali bhala wiehed tardiv u konsegwentament tastieni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------